QALA

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Qala

# IS-SEBA` LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 25

Il-Gimgha 18 ta' Awwissu 2017

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa` fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu li jinsab fl-indirizz Centru Civiku Qala, Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg, Qala, fil-5:15 ta' filghaxija.

PREŻENTI:

Paul Buttigieg – Sindku
Jesmond Borg – Vici Sindku
Paul Buttigieg – Kunsillier
Karl Buttigieg – Kunsillier
Sammy Curmi – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Hadd

ASSENTI

Hadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marcia Borg – Segretarja Eżekuttiv

Minuti

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresjeda l-laqgħa.

## 25.1 Qari tal-ittri tal-apologiji.

25.1.1 Ma kien hemm ebda qari tal-ittri tal-apologiji.

## 25.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.

25.2.1 Peress li l-minuti tal-erbgha u ghoxrin laqgha tqassmu qabel dawn gew ikkonsiderati bhala moqrija u gew approvati unanimament.

## 25.3 L-ahhar zviluppi dwar l-ittra li rcieva l-Kunsill mill-Awtorita` ghas-sahha u s-sigurta` fuq il-post tax-xoghol.

25.3.1 Is-Segretarja Ezekuttiv semmiet li hija kkuntatjat lill-Avukuta tal-Kunsill Dr Renata Formosa fejn giet mitluba parir dwar l-ittra li l-Kunsill ircieva minghand l-Awtorita` ghas-sahha u s-sigurta` fuq il-post tax-xoghol. Hija semmiet li l-Avukata qalet li l-Kunsill ahjar li jirrispondi din l-ittra. Il-membri tal-Kunsill barra s-Sindku qablu li ghandha tintbghat risposta. Is-Segretarja semmiet li fir-risposta ser jigi msemmi li ma kienx xoghol tal-Kunsill u li ma kienx jaf b'dan l-istess xoghol. Is-Sindku semma li huwa kien haddiem mac-CMU waqt li kien qed jaghmel ix-xoghol fejn gara l-incident.

Is-Sindku semma zewg materji ohra li huma kif gej:

Is-Sindku semma li huwa ghadu ma ffirmax il-*cheque* sabiex jithallas Joseph Hili li huwa l-kuntrattur tal-kuntratt tat-tiknis u tindif tat-toroq u qtuh ta' haxix. Huwa semma li Joseph Hili jrid ikollu rispett lejn minn iqabbdu u ghalhekk talab lill-Kunsill sabiex jinghata *warning*. Il-Kunsill iddiskuta li peress li dan Joseph Hili ma jirrispondiex il-*mobile*, huwa ghandu jigi l-Kunsill kull filghodu sabiex is-Sindku jkun jista` jghidlu x'ghandu jaghmel u fejn ghandu jmur innaddaf. Il-Kunsill iddecida li ghall-laqgha tal-Kunsill li jmiss, ghandu jingab il-kuntratt sabiex il-Kunsill jara x'fih. Is-Sindku qabel li jiffirma c-*cheque*.

Is-Sindku semma li huwa flimkien mal-Kunsillier Paul Buttigieg attendew ghall-laqgha li saret mac-CEO l-Inginier Riolo, Paul Micallef u Mario Zammit tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-ilma dwar l-applikazzjonijiet ghal permess ta' zvilupp bin-numri PA/00937/17 u PA/05592/17 ghal *desalination purposes* fil-bini tad-distillatur ezistenti f'Hondoq ir-Rummien. Huwa semma li l-ERA gibdet l-attenzjoni tal-Korporazzjoni fuq ir-rapport li gie ppreparat mill-ERA stess u fost diversi punti li gew mitluba jaghmlu, huma ser jaghmlu izjed studji sabiex il-katusa tkun 500 metri 'l barra mill-bajja minflok 250 metri, kif ukoll jaghmlu izjed studji fuq il-kurrenti tal-bahar. Il-Kunsill iddecida li jigu mqabbda l-esperti li gew imsemmija fl-ahhar laqgha tal-Kunsill sabiex dawn ikunu hemm ghas-smigh.

## 25.4 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

25.4.1 Il-laqgħa intemmet fis-7:00 ta' filghaxija.

Konfermati, illum 27 ta’ Ottubru 2017.

Paul Buttigieg
Sindku

Marcia Borg
Segretarju Eżekuttiv